Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna"

(COM(2020) 137 final — 2020/0053 (COD))

(2020/C 429/35)

Relatur uniku: **Arnold PUECH D'ALISSAC**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 17.4.2020
	Parlament Ewropew, 16.4.2020
Bażi legali	Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	29.6.2020
Adottata fil-plenarja	18.9.2020
Sessjoni plenarja Nru	554
Riżultat tal-votazzjoni	213/1/4
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Sfond u l-proposta tal-Kummissjoni**

1.1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE [1] tagħti ekwivalenza lil ċerti pajjiżi terzi fir-rigward tal-ispezzjonijiet fuq il-post u l-produzzjoni taż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet [2].

1.2. Dawn id-dispożizzjonijiet li jirregolaw iż-żerriegħa maħsuda u kkontrollata f'dawn il-pajjiżi joffru l-istess assigurazzjonijiet, fir-rigward tal-karatteristiċi, l-eżami, l-identifikazzjoni, l-immarkar u l-kontroll taż-żerriegħa, bħall-assigurazzjonijiet li joffru d-dispożizzjonijiet applikabbli għaż-żerriegħa maħsuda u kkontrollata fl-Unjoni Ewropea.

1.3. Fid-dawl tal-fatt li l-Ukrajna ma tagħmilx parti minn dawn il-pajjiżi terzi inklużi fil-lista tad-Deċiżjoni 2003/17/KE, bħalissa mhux possibbli li ż-żerriegħa taċ-ċereali maħsuda f'dan il-pajjiż tiġi importata lejn l-Unjoni Ewropea. L-Ukrajna ressqet talba quddiem il-Kummissjoni biex iż-żerriegħa taċ-ċereali tagħha tkun koperta mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE bħala ekwivalenti.

1.4. Wara din it-talba, il-Kummissjoni eżaminat il-leġislazzjoni applikabbli tal-Ukrajna u wettqet awditu tal-ispezzjonijiet fuq il-post u tas-sistema ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa fis-seħħ, għaż-żerriegħa taċ-ċereali fl-Ukrajna. Ġie konkluż li r-rekwiżiti tagħha u s-sistema fis-seħħ huma "ekwivalenti" għal dawk tal-Unjoni u joffru l-istess assigurazzjoni bħas-sistema tal-Unjoni.

1.5. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li ż-żerriegħa tal-Ukrajna tiġi rrikonoxxuta bħala ekwivalenti għaż-żerriegħa taċ-ċereali maħsuda, prodotta u kkontrollata fl-Unjoni Ewropea permezz ta' Deċiżjoni adottata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

2. **Kummenti u rakkomandazzjonijiet**

2.1. Il-KESE jieħu nota tal-eżitu pożittiv tal-awditu mwettaq mill-Kummissjoni fl-Ukrajna skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2003/17/KE, sabiex tkun rikonoxxuta l-ekwivalenza tar-rekwiżiti legali u tal-kontrolli uffiċjali għaċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa u ċ-ċereali. Madankollu, il-KESE jinnota li mir-rapport tal-awditjar joħroġ li ċerti standards mhumiex allinjati għalkollox mar-rekwiżiti tal-UE, b'mod partikolari dawk relatati mad-distanza ta' iżolament

[1] ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10.

[2] B'konformità mad-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE (ĠU L 125, 11.7.1966, p. 2298), 66/402/KEE (ĠU L 125, 11.7.1966, p. 2309), 2002/54/KE (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12) u 2002/57/KE (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74).

taż-żerriegħa ċċertifikata tas-sorgu, li hija inferjuri, ir-rata tal-purità varjetali tal-linji parentali użati għall-produzzjoni ta' żerriegħa ibrida tal-qamħirrum u r-rata taż-żerriegħa ta' speċijiet oħra għaż-żerriegħa ċertifikata tal-qamħirrum.

2.2. Il-KESE, b'konformità mal-Opinjonijiet preċedenti tiegħu ([3]), japprova l-proposta leġislattiva li qed tiġi eżaminata, iżda jipproponi li l-applikazzjoni tagħha tiġi posposta sa meta l-UE tkun kisbet, wara verifika retrospettiva, il-garanziji meħtieġa minn qabel li jixħdu li l-limiti identifikati fir-rapport tal-awditjar ikunu ġew korretti, li l-istandards ta' produzzjoni fl-Ukrajna issa huma strettament konformi mar-rekwiżiti Ewropej, li ma hemm l-ebda kompetizzjoni inġusta u li jiġi eskluż kwalunkwe effett negattiv fuq l-ambjent.

2.3. Il-KESE jaqbel dwar il-fatt li r-rikonoxximent tal-ekwivalenza jista' joħloq vantaġġi għall-kumpaniji taż-żerriegħa tal-UE li joperaw fl-Unjoni Ewropea u fl-Ukrajna, għall-importaturi potenzjali tal-UE taż-żerriegħa minn dan il-pajjiż, u għall-bdiewa tal-UE, li ormaj se jkollhom aċċess għal varjetà usa' ta' żerriegħa, iżda huwa tal-fehma li għandu jkun hemm sistema ta' kontroverifiki għall-importazzjonijiet, u jeħtieġ li tiġi garantita l-istess protezzjoni tal-konsumatur trid fuq iż-żewġ naħat.

Il-kontroll tal-kompetizzjoni għandu jiġi applikat fiż-żewġ direzzjonijiet sabiex ma jkunx hemm distorsjoni fil-kundizzjonijiet tal-kummerċ għall-organizzazzjonijiet Ewropej li joperaw fl-UE.

2.4. Madankollu, il-KESE jixtieq jenfasizza ċerti aspetti tekniċi relatati mal-metodi ta' produzzjoni taż-żerriegħa li jvarjaw bejn l-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Tabilħaqq, il-produtturi tal-Ukrajna għandhom aċċess għal firxa usa' ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti milli l-produtturi tal-Unjoni Ewropea u għandhom aċċess għal ċerti molekuli pprojbiti fl-UE. Dawn id-devjazzjonijiet iwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u, minħabba f'hekk, jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea prodotti li ma jikkonformawx mal-istandards tal-Unjoni Ewropea dwar is-saħħa u l-ambjent. L-aktar differenzi notevoli jinkludu l-aċċess għal sustanzi attivi li jintużaw għat-tneħħija tal-ħaxix ħażin mill-irqajja' tal-art agrikola bħall-atrazine (li ilha pprojbita fl-UE sa mill-2003) u l-acetochlor (li ilha pprojbita fl-UE sa mill-2012). Minbarra l-impatti fuq is-saħħa, l-aċċess għal dawn is-sustanzi bi spettru wiesa' ta' azzjoni, natura persistenti, effiċjenza teknika għolja fuq il-ħaxix ħażin u spejjeż baxxi, bla dubju jagħti vantaġġ kompetittiv lill-produtturi Ukreni. Fir-rigward tal-protezzjoni fil-konfront tal-organiżmi ta' ħsara, il-produtturi Ukreni għad għandhom aċċess għal sustanzi attivi fil-familja tan-neonikotinojdi, li xi whud minnhom huma pprojbiti fl-UE bħall-clothianidin, it-thiamethoxam u, fil-futur qarib, it-thiacloprid.

2.5. Skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, jiddaħħal l-obbligu ta' protezzjoni, preservazzjoni u rinforzar tal-kapital naturali tal-Unjoni Ewropea u li s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini jiġu protetti kontra r-riskji ambjentali; anke l-Ukrajna għandha tkun marbuta tieqaf tuża sustanzi kimiċi għall-produzzjoni ta' żerriegħa li l-użu tagħha fit-territorju tal-UE ġie pprojbit. L-Ukrajna trid iżżomm l-istess livell ta' rekwiżit bħall-Unjoni, li timpenja ruħha li tirrispetta strettament il-kundizzjonijiet kollha tal-Ftehim ta' Pariġi u li tippermetti li l-ftehimiet milħuqa jiġu vvalutati fuq bażi annwali. Huwa inkonċepibbli li jkomplu jippersistu jew jiżdiedu aktar id-differenzi. Jekk dan ma jkunx il-każ, ma jkunx possibbli li tiġi awtorizzata ż-żerriegħa fis-suq tal-Unjoni.

2.6. Il-KESE ħa nota tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni li hija tal-fehma li r-rikonoxximent tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni għall-prodotti inkwistjoni huwa miżura teknika. Madankollu, fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq u tal-fatt li l-ftuħ tas-suq tal-UE għal prodotti minn pajjiżi terzi se jkollu impatt ekonomiku u soċjali, il-Kumitat jirrakkomanda li l-Kummissjoni, qabel ma tieħu deċiżjoni, twettaq valutazzjoni tal-impatt biex tivverifika li l-produtturi Ewropej (fit-tifsira tal-multiplikaturi u tal-kumpaniji taż-żerriegħa), u b'mod partikolari l-intraprizi mikro u żgħar, mhux se jiġu affettwati minn din il-miżura.

2.7. Abbażi ta' din il-valutazzjoni tal-impatt, u peress li l-ftehim ta' kummerċ ħieles attwali mal-Ukrajna ma jiżgurax kummerċ ġust bi standards fiskali, soċjali u ambjentali komparabbli, għalhekk jeħtieġ li l-ewwel jiġi rivedut il-ftehim ta' kummerċ ħieles, u b'mod aktar ġenerali, il-politika kummerċjali Ewropea biex tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta. Din ir-reviżjoni ġiet prevista wkoll mill-Kummissjoni Ewropea fil-komunikazzjoni tagħha tas-16 ta' Ġunju, b'analiżi komprensiva tal-politika kummerċjali tal-UE u t-tnedija ta' konsultazzjoni pubblika.

2.8. Dan huwa partikolarment rilevanti bejn l-Ukrajna u l-UE għas-settur taż-żerriegħa tal-qamħirrum, bi spiża ferm aktar baxxa tal-produzzjoni mill-fabbrika fl-Ukrajna (id-differenza mal-ispiża tal-produzzjoni Franċiż kienet stmata għal 26 % fl-2019). Il-kombinazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet twassal biex jiġu pperikolati s-setturi Ewropej tal-multiplikaturi taż-żerriegħa tal-qamħirrum.

([3]) ĠU C 74, 23.3.2005, p. 55, ĠU C 351, 15.11.2012, p. 92.

2.9. Aħna u nitgħallmu mill-kriżi tal-COVID-19, id-dipendenza minn pajjiżi terzi f'settur strateġiku għas-sovranità tal-ikel ma tistax tiġi aċċettata u għalhekk għandha tiġi trattata fi stadju bikri.

Brussell, it-18 ta' Settembru 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew